MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 86/2003/1

***Mary armla ta' Spiridione Muscat***

***versus***

***Franco Borg***

Il-Bord,

Ra <u>r-rikors</u>

Illi l-esponenti tikri lill-intimat il-garaxx "Rose Marie', Guze' Muscat Azzopardi Street, Qormi, bil-kera ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) fis-sena jithallsu kull sitt xhur bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss fl-1 ta' Marzu, 2004.

Illi l-intimat ripetutament naqas li jhallas il-kera puntwalment u fi zmien hmistax-il jum minn meta ntalab il-hlas b'diversi modi anke permezz ta' atti gudizzjarji u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi pussess tal-garaxx imsemmi “Rose Marie”, Guze’ Muscat Azzopardi Street, Qormi, b’effett mill-eghluq tal-iskadenza prezenti fid-29 ta’ Frar, 2004.

Bl-ispejjez.

Sema x-xhieda moghtija llum mill-Avukat Dottor Pawlu Lia u ra d-dokumenti esebiti f’isem ir-rikorrenti.

Ra li l-intimat qatt ma deher ghas-seduti u lanqas ipprezenta risposta biex jikkontesta t-talba.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha terga’ tiehu f’idejha l-garaxx Rose Marie, Triq Guze’ Muscat Azzopardi, Hal-Qormi; ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti xahar (1) zmien m’illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------